MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1185/2014

**Joseph Aquilina ID 353451 (M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Joseph Aquilina ID 353451 (M) datat 29 ta’ Dicembru 2014 fejn espona: -

Illi r-rikorrenti jigi iben Michael Aquilina u Antonia Aquilina xebba Sghendo liema zewg ginituri tieghu llum jinsabu t-tnejn mejtin u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' Joseph Aquilina u mill-anness certifikat tal-mewt ta' Antonia Aquilina annessi bhala **Dok** JA 1, JA 2 u JA 3;

Illi Michael Aquilina u Antonia Aquilina kienu t-tnejn mizzewgin u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom tal-1 ta' Ottubru 1944 liema dokument qieghed jigi anness bhala **Dok** JA 4;

Illi r-rikorrenti kellu ohtu bl-isem ta' Rosa Aquilina liema Rosa Aquilina mietet fid-29 ta' Jannar 1946 li kopja tac-certifikat tal-mewt qieghed jigi anness bhala **Dok** JA 5;

Illi r-rikorrenti nnota li jirrizulta zball fic-certifikat tal-mewt ta' Rosa Aquilina liema zball jirrizulta mill-fatt li omm Rosa Aquilina qieghda tirrizulta bhala 'dead' fl-anness kopja tac-certifikat tal-mewt anness bhala **Dok** JA 5;

Illi r-rikorrenti jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li dan huwa zball billi omm Rosa Aquilina u cjoe' Antonia Aquilina xebba Sghendo mietet fid-29 ta' April 1987 li kopja tieghu qieghed jigi anness bhala **Dok** JA 2;

Illi dan anki jirrizulta mill-karta ta' l-identita' ta' Antonia Aquilina li kopja tieghu qieghed jigi anness bhala **Dok** JA 6;

Illi dan l-izball qieghed idejjaq lir-rikorrenti billi jidher car li l-atti u c-certifikat tal-mewt ta' Rosa Aquilina m'huwiex korretti u jixtieq li tali zball jigi korregut;

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti ir-rikorrenti jitlob li c-certifikat tal-mewt ta' Rosa Aquilina tigi rrangata fis-sena li fil-kolonna 'Isem u kunjomi il-gebituri' fl-att tal-mewt 725/1946 (dok JA 5) tigi korretta sabiex tirrifletti l-verita' tal-fatti;

Illi ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenut prevja kwalsiaisi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ‘l ghaliex din l-Onorabbli Qorti:

1 Tiddikjara li jirrizulta zball fic-certifikat tal-mewt bin-numru 725/1946 (Dok JA 5) fil-kolonna 'Isem u Kunjom il-genituri' fejn Antonia Aquilina nee' Sghendo tirrizulta bhala 'mejta' (dead);

2 Tordna lill-intimat jaghmel korrezzjoni fl-att tac-certifikat tal-mewt 725/1946 ta' ohtu Rosa Aquilina, fis-sens illi fil-kolonna 'Isem u Kunjom il-genituri', jitnehha l-kelma 'Dead' u tigi sostitwita bil-kelma 'Alive';

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma idoneji, inkluz li jigi pubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex jigi msejjah kull min ghandu interess jiddikjara jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba u dan *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Frar 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 3 ta’ Frar 2014 (fol 20) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x’jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent. Kwindi l-esponent m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta Frar 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Mark Attard Montalto ghall-attur prezenti u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Intimat. Dr Attard Montalto iddikjara li m'ghandux

provi ohra. Dr Cordina irrimetta ruhu ghall-provi prodotti. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Marzu 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur qed jitlob korrezzjoni fl-att tal-mewt ta' ohtu Rosa Aquilina li mietet fid-29 ta' Jannar 1946 (**DOK JA5)** billi f'dan ic-certifikat, omm it-tarbija, li tigi wkoll omm ir-rikorrent, giet imnizzla bhala mejta meta kienet ghadha hajja.

Illi l-fatti kif esposti mir-rikorrent jirrizultaw ampjament mid-dokumenti esebiti. Antonia Aquilina nee` Sghendo, omm ir-rikorrent u omm Rosa Aquilina, mietet fid-29 ta' April 1987. Ir-rikorrent esebixxa kopja tac-certifikat tal-mewt taghha **(DOK JA2)** u kopja tal-karta tal-Identita` taghha **(DOK JA6).**

Illi jirrizulta li l-pubblikazzjoni rikjesta mill-Ligi (**art 254 tal-Kap 16)** saret fid-9 ta' Jannar 2015 (fol.18) u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat hija sorvolata.

Ikkonsidrat li l-attur ghandu interess li jassigura li l-atti ta' stat civili ta' ohtu premorjenti jirriflettu akkuratament il-fatti kif sehhew u, fil-kaz partikolari, li ma jirrizultax li ommu mietet qabel ma mietet bintha.

Illi l-intimat irrimetta ruhu ghall-provi.

Illi fic-cirkostanzi jirrizulta li sar zball fl-informazzjoni imnizzla fuq ic-certifikat tal-mewt ta' Rosa Aquilina billi ommha kienet ghadha hajja fid-data tal-mewt ta' bintha.

Illi fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, din il-Qorti ma tistax tezonera lill-intimat milli jbaghti l-ispejjez ta' din il-kawza fl-assenza ta' prova li l-izball sar minhabba xi dikjarazzjoni skorretta li saret lid-Dipartiment jew minhabba xi cirkostanzi ohra mhux lilu imputabbli.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **Tilqa'** it-talbiet tar-rikorrent u tiddisponi minnhom billi:

1 **Tilqa' l-ewwel Talba** u tiddikjara li jirrizulta zball fic-certifikat tal-mewt bin-numru 725/1946 **(Dok JA 5)** fil-kolonna 'Isem u Kunjom il-genituri' fejn Antonia Aquilina nee' Sghendo tirrizulta bhala 'mejta' (*dead*);

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tordna lill-intimat jaghmel korrezzjoni fl-att tac-certifikat tal-mewt 725/1946 ta' Rosa Aquilina, fis-sens illi fil-kolonna *'Isem u Kunjom il-genituri'*, jitnehha l-kelma '*Dead*' u tigi sostitwita bil-kelma '*Alive*';

Il-korrezzjoni hekk ordnata ghandha  ssir mid-Direttur fi żmien għaxart ijiem minn dak in-nhar li din is-sentenza tgħaddi f'ġudikat u għandha ssir bis-saħħa ta' kopja vera tas-sentenza li tingħata lilu mir-Reġistratur u dana skont l-**artikolu 256** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mill-Intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------